16 ta' Ottubru, 1954

**Imħallef:**
**Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija *versus* Helen Raniolo et.**

**Kerrejja — Appartamenti — Klieb — Art. 2 tal-Kap. 13**

***Bil-kelma "kerrejja" l-liġi tifhem dar li fiha joqogħdu aktar minn żewġ familji li jkollhom il-lavatory u s-servizzi ta' l-ilma komuni; u għalhekk, jekk si tratta minn kmamar li għandhom lavatory u servizz ta' l-ilma separat għal kull waħda minnhom, ikun il-każ ta' appartamenti u mhux ta' kerrejja. U allura ma hix applikabbli d-dispożizzjoni tal-liġi li tipprojbixxi li jinżammu klieb f'kerrejja, avvolja dawk il-flats, jew appartamenti, għandhom entrata komuni.***

Fuq l-imputazzjoni kontra kull waħda mill-imputati, li kull waħda minnhom żammet kelb fil-kerrejja, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, b'sentenza tagħha tal-5 ta' Awissu, 1954, illiberat lill-istess imputati, għax irriteniet li l-kelb inżamm f'appartament u mhux f'kerrejja;

L-Attorney General appella mill-imsemmija deċiżjonijiet:

Trattat kontestwalment l-appell, din il-Qorti, fil-waqt li qegħedha tagħti sentenza unika għall-imsemmija appelli, skond il-prattika f'każijiet simili (ara "Pul. vs. Muscat u Dimech" 9.3.1940, u qabel "Pul. vs. Baruni Chappelle" 17.2.1923, App. Krim.), ikkunsidrat;

Il-post ġie deskritt, għal dik li hi l-konsistenza tiegħu, fix-xhieda ta' l-Ispettur Sanitarju Caruana Scicluna. Hemm bieb wieħed għal barra, nru. 139, Triq Cristoforo, il-Belt. Kif tidħol, hemm l-entrata, jew "hall", prinċipali. Isfel, hemm kmamar abitati minn diversi familji, b'żewġ "lavatories" komuni. Imbagħad hemm taraġ, u titla', mhux aktar għal kmamar b'lavatory u servizz ta' ilma komuni, imma għal appartamenti, ossija flats, b'lavatory għalihom kull wieħed minnhom, u anki b'servizz separat ta' l-ilma għal kull wieħed, ċjoè flats fis-sens ordinarju u komuni tal-kelma kif nifmuha l-lum. "Ex concessis", l-imputati joqgħodu f'dawn il-flats ta' fuq;

Issa, skond il-liġi (art. 2 Kap. 13), il-"kerrejja" hija "any house where more than two families reside, and there is not in the room or appartment occupied by each family a separate privy and a separate water supply";

Issa, jekk din il-kondizzjoni li tagħmel post kerrejja tirrikorri għall-parti t'isfel ta' din id-dar, ċert li ma tirrikorrix għall-parti ta' fuq, għax kull flat għandu lavatory u servizz ta' ilma separat;

Ma jidherx, għalhekk, li kien qed jiżbalja l-Maġistrat meta qal li dan il-fond għandu natura duplići — kerrejja fil-parti inferjuri u flats fil-parti superjuri: għax hekk hu fil-fatt. Kienet tkun kerrejja anki fil-parti superjuri, kieku anki fuq kien hemm kmamar bla lavatory u servizz idrawliku separat. Lanqas jista' jingħad li l-entrata komuni tneħħi lill-kundizzjonijiet ta' fuq il-karattru ta' flats: għax kulħadd jaf li l-flats għandhom entrata komuni. Id-dispożizzjoni tal-liġi saret meta l-flats kienu għadhom ma ġewx eskoġitati, u kwindi ma kienx possibili li l-leġislatur jikkontempla każ "sui generis" bħal dan, li fih is-sid, għal xi raġuni jew oħra, ħalla isfel kerrejja u għamel fuq flats;

Qatt ma ntqal li bniedem ma jistax iżomm kelb fi flat, avvolja dan għandu entrata komuni. Del resto, hu ovvju li l-istess raġunijiet sanitarji li ssuġġerew li jiġi projbit li jinżamm kelb f'kamra ta' kerrejja ma jimmilitawx f'każ ta' appartament, li għandu kundizzjonijiet sanitarji separati, bla ma dawn ir-raġunijiet jiġu elużi, għax il-kelb jiġi maħruġ jew imdaħħal mill-entrata komuni, kif isir ta' kuljum fil-flats;

Għalhekk jiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell, u tikkonferma, fil-konfront ta' kull waħda mill-appellati, is-sentenza appellata;

Kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi nserita f'kull waħda wieħed mill-erbgħa proċessi.